**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Maria Rosaria Brincat

Vs

Josef Spiteri

CCT 114/22/MM

Illum, 9 ta' Mejju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-22 ta' Awwissu 2022 fejn talbu s-somma ta' mija u sebgha u sebghin Ewro (€ 177), u cioe rifuzjoni tal-ammont imhallas minnhom lill-intimat ghas-servizz tieghu ta' water leak detection li allegatament kien hazin.

Ra r-risposta tal-intimat fejn sahaq li huwa wettaq ix-xoghol skont is-sena u l-arti u ghalhekk l-ebda rimbors ta' flus ma hu dovut.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi rriżulta mill-provi li r-rikorrenti inkarigaw lill-intimat sabiex jidentifika minn fejn kienet gejja l-problema taghhom tal-ilma.

Illi jirrizulta wkoll li effettivament l-intimat mar fuq il-post u ghamel it-testijiet necessarji ghall-water leak detection. Illi huwa jinsisti li huwa kien irnexxielu jidentifika wahda minn

zewg problemi u jishaq li li kieku ma kienx issewwa l-gully, u cioe l-problema li identifika hu, xorta wahda huma ma kienux ser jidentifikaw l-ohra.

Ikkunsidra

Illi it-Tribunal kellu l-opportunita' li jezamina l-partijiet u jaghmel id-domandi tieghu li wasslu ghall-ammissjoni tal-istess intimat li kien ssb problema wahda minn tnejn u li danw iz-zewg problemi kienu distini u kompletament separati minn xulxin.

Illi ghalhelk it-Tribunal wasal ghall-konviciment morali li l-verzjoni tar-rikorrenti ghandha iktar mis-sewwa u r-rikorrenti ghandu ragun jilmenta li l-intimat naqas mili jaghmel ix-xoghol kollu mitlub minnu. Illi madanakollu ma jfissirx li r-rikorrenti ghandu ragun meta jitlob rifuzjoni tal-prezz kollu u dan stante li kif inghad l-intimat irnexxilu jsib problema wahda minn tnejn u ghalhekk id-decide ser tkun qed tirifletti dan.

Ghalhekk fuq bilanc ta' probabbilta' isib li r-rikorrenti ghandu ragun parzajlment.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqgħa parzjalment it-talba tar-rikorrenti, u jikkundanna u jordna lill-intimat jirrifondi lura l-ammont ta' Euro 88.50 rapprezentanti nofs il-prezz imhallas fi zmien gimghatejn mis-sentenza.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru